**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 01**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Daniel Ablett
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 01.1 TALBA

Iċ-*Chairman* Marvin Zammit bħala l-aktar kunsillier anzjan skont l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

## 01.2 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU

**Iċ-Chairman Marvin Zammit** staqsa lill-**Kunsillier Dr Josef Masini Vento** jekk jaċċettax il-ħatra ta' Sindku.

**Il-Kunsillier Dr Josef Masini Vento** qara u iffirma id-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku.

**Iċ-Chairman Marvin Zammit** iddikjara li **Dr Josef Masini Vento** se jingħata il-ġurament tal-Ħatra tas-Sindku mill-Kummissarju għall-Ġustizzja nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju filgħaxija.

Dr Josef Masini Vento irringrazzja lill-membri kollha

## 01.3 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI SINDKU

**Iċ-Chairman Marvin Zammit** staqsa lill-**Kunsillier Alexander Dominic (Xandru) Mallia** jekk jaċċettax il-ħatra ta' Viċi Sindku.

**Il-Kunsillier Alexander Mallia** qara u iffirma id-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku.

**Iċ-Chairman Marvin Zammit** iddikjara li **Alexander Dominic Mallia** se jingħata il-ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku mill-kummissarju għall-Ġustizzja nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju filgħaxija.

Il-Viċi Sindku Alexander Dominic (Xandru) Mallia irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

## 01.4 DISKORSI TAL-OKKAZZJONI TAL-AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA

**Iċ-Chairman Marvin Zammit** talab lil **Dr Josef Masini Vento** sabiex jagħmel diskors tal-okkażjoni.

**Dr Josef Masini Vento,** indirizza l-ewwel diskors tiegħu li jikkonsisti f'dan li ġej:-

"Għeżież, Nħossni onorat ferm li ġejt ikkonfermat bħala Sindku tal-Belt Pinto.

Ħal Qormi, il-Belt mingħajr swar, għax qatt ma staħbiet jew beżgħet minn xejn u minn ħadd, anzi dejjem laqgħet u għanqet lil kulħadd.

Nibda billi nirringrazzja lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali u lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll insellem lil kull min ġie qabli.

Nilqa' lill-kunsilliera li servew qabel u li reġgħu ġew eletti, kif ukoll lil kunsilliera l-ġodda li għoġobhom joffru s-servizz tagħhom. Irrid nagħti ħajr ukoll lil kunsilliera li servew miegħi fil-leġislatura li għadha kemm għaddiet, li ma reġgħux ikkontestaw l-aħħar elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Apprezzament kbir imur lejn Martina Grech u lejn Donnah Barbara, u b'mod speċjali lil sieħbi Sean Apap Meli.

Nemmen li l-għan primarju tagħna huwa dak li nservu bl-aħjar mod possibbli, u huwa għalhekk li peress li Ħal Qormi jixraqlu aktar ġid, hemm bżonn li nagħmlu l-prijoritajiet tagħna minn issa, li fosthom huma:

(i) Infurzar:

Nifhem li hemm problema kbira ta' infurzar. Huwa għalhekk li d-dekasteru ta' l-infurzar ser ikollu prijorità, u dan sabiex għalkemm il-Kunsill ma għandu l-ebda poteri sabiex jinforza u dejjem irid minn entitajiet oħra sabiex isir l-infurzar neċessarju, xorta waħda hemm bżonn li jkun hemm spinta aktar diretta u b'saħħitha f'dan ir-rigward.

(ii) Proġetti kapitali:

Għar-rigward tal-proġetti kapitali li jinsabu għaddejjin fil-preżent, fosthom Ġnien Baldassere Facciol, u l-playing field bil-playing equipment b'kollox ta' fuq tal-Blat 1, kif ukoll il-proġetti li ġew imwiegħda fosthom il-Mitħna, u d-dawl ta' madwar il-knisja l-kbira ta' San Bastjan, il-bankini ta' quddiem u madwar l-istess Knisja u Ġnien l-Armier, u l-Outdoor Gym, u l-proġett tan-naħa ta' Pjazza San Franġisk preċiżament in-naħa tal-Madonna ta' Lourdes, u l-bankini ta' Triq il-Kbira n-naħa tal-knisja ta' San Gorg, isiru.

Rnexxielna nġiebu lejn Ħal Qormi minn Infrastructure Malta tlieta u tletin elf metru kwadru fuq tliet snin, sabiex isiru xogħlijiet fuq toroq, u għalhekk iridu naraw li dawn ix-xogħlijiet li hemm minnhom diġà nbdew, jitkomplew.

(iii) Proġetti Soċjali u Edukattivi:

Għar-rigward tat-trasport ipprovdut b'xejn lill-anzjani tagħna u vulnerabbli, nemmen bis-sħiħ li jrid ikompli jissaħħaħ, u huwa għalhekk li l-Gvern Centrali jrid jipprovdilna aktar ħaddiema tal-Komunita' li ġew ingaġġati fil-Community Workers Scheme, u dan sabiex ikollna aktar xufiera, b'tali mod u manjiera illi nkunu fil-possibilità li jkollna vettura oħra.

Oltre dan, għar-rigward tal-korsijiet varji li jiġu pprovduti mil-Kunsill u l-ħarġiet kulturali għandhom jibqgħu jiġu mogħtija.

Għar-rigward tal-councillors fl-iskejjel primarji tagħna li qed jiġu provduti flimkien mal-Malta Trust Foundation, nemmen bis-sħiħ li għandhom jibqgħu jiġu sostnuti. F'dan ir-rigward hemm bżonn li nesploraw proġetti soċjali u edukattivi ta' inklużjoni ġodda.

(iv) Għaqdiet u Volontarjat:

Nixtieq insemmi u nibgħat apprezzament speċjali lill-għaqdiet kollha ta' Ħal Qormi, u l-voluntiera, u dan għaliex allaħares ma kienux huma li flimkien mal-kunsill Lokali jagħtu ħajja lil Belt tagħna. Huwa għalhekk, li hemm bżonn kbir li nibqgħu ngħinu u naħdmu b'sinergija sħiħa flimkien ma l-għaqdiet tagħna, u dan sabiex anke nkunu nistgħu ngħollu l-livell kulturali ta' Ħal Qormi.

Għal dan il-għan, hemm bżonn li nagħtu spinta kbira lil qasam turistiku anke dak intern, u huwa għalhekk li f'din il-leġislatura ser ikun hemm ukoll dekasteru imsemmi.

Hemm bżonn l-għaqda, u nirruftaw il-partiġġjanizmu politiku ta' bejnietna. Kif imxejna qabel u anke ta' qabli hemm bżonn li nitilgħu 'l fuq (we rise above), u dan sabiex il-ġid veru tar-residenti u tal-familji Qriema jiġi dejjem fuq quddiem nett.

Kif diġà sar u meta kien hemm bżonn ħadna deċiżjonijiet iebsin, bħal fil-każ tal-flyover li kienet proposta fil-Mrieħel, u l-mħażen li kienu proposti fil-wied fil-konfini ta' bejn Ħal Qormi u Ħal Luqa, bħala Kunsill Lokali mhux biss ħriġna kontra iżda konna pro-attivi peress li ipproponejna proġetti alternattivi, f'każ li jkun hemm bżonn dawn l-istess deċiżjonijiet irridu nerġgħu noħduhom. F'moħħna u f'qalbna dejjem irridu nżommu l-ġurament li ħadna, li għandna inħarsu l-kostituzzjoni u li skont il-kuxjenza tagħna nieħdu dawk id-deċiżjonijiet li hemm bżonn bla ebda biża. Il-ġid komuni ma jista qatt jiġi kompromess mill-ebda diktat, joħroġ minn fejn joħroġ. Huwa għalhekk li l-indipendenza tal-kunsill u d-deċiżjonijiet li nieħdu ma għandhom tiġi qatt mittiefsa mill-ebda irbit.

B'umilta' ser nkompli nservi lil din il-Belt wisq għażiża għalina, u dan sabiex b'ħilti kollha nagħmel dak kollu li nkun nista' sabiex nipprova ntejjeb l-ħajja tal-familji u l-Qriema.

Nixtieq ngħalaq fuq nota personali, billi minn qalbi nirringrazzja lil helpers u lil militanti xellugin kollha tiegħi, għaliex li kieku ma kienx għalihom ma konniex naslu sa hawn. Rnexxielna nżidu l-appoġġ fuq ħames snin ilu. Nirringrazzja lil dawk kollha ta' rieda tajba li urew il-fiduċja tagħhom fija. Fil-każ tiegħi, minkejja li r-riħ kien kontra, n-nies kienu favur. Ħabbewni u iħobbuni l-Qriema tiegħi. Grazzi."

01.5 **Iċ-Chairman Marvin Zammit** talab lil **Kunsillier Alexander Dominic (Xandru) Mallia** sabiex jagħmel diskors tal-okkażjoni.

Xandru Mallia, indirizza l-ewwel diskors tiegħu li jikkonsisti f'dan li ġej:-

*"Jien nirringrazzja lil kulħadd, u apparti min hekk nixtieq li ir-raħal narah aktar b'saħħtu minn kif kien qatt qabel. Jien nixtieq li ir-raħal nagħmlu aħjar minn irħula oħra, ovvjament għax jien Qormi, demm qawwi Qormi, bħal ma intom kollha kemm intom, u tagħmlu dak kollu l-aħjar biex taqdu lir-residenti.*

*Min hawn nixtieq ngħidilkom biex nagħmlu dak kollu possibbli biex flimkien nagħmlu l-aħjar għal-raħal aħjar.*

*Aħna qedin hawnhekk biex meta niltaqgħu flimkien il-problemi li jkollna ngħadduhom lil xulxin, għax fejn ma jasalx wieħed, jasal xi ħadd ieħor. Ejja naħdmu flimkien u Viva Hal Qormi "*

01.6 **Iċ-Chairman Marvin Zammit** talab lil **Minority Leader il-Kunsillier Ralph Puli** sabiex jagħmel diskors tal-okkażjoni.

"L-ewwel ħaġa onorat li qed nerġa nirrappreżenta lil Kunsill Lokali, kif naħseb onorat kull wieħed u waħda minnkom f'din il-mejda għax għalkemm tista' tgħidu huwa rwol prattikament volontarju naf li ħafna minnkom ħa tagħmluh min qalbkom u ħa tagħmluh biex intejjbu lil Hal Qormi.

Jiena onorat ukoll bħal sħabi u kif qal is-Sindku, din hija s-sitt leġislatura tiegħi bħala kunsillier l-aktar wieħed anzjan, mhux mill-età imma bħala l-aktar wieħed li ilni u din l-esperjenza, inserraħ moħħ kulħadd li kull min irid jista' ifittixni għax aħna niġu hawn bl-ewwel interess ikun Hal Qormi.

Min irid jista' ikellimni u jistaqsi anke fejn jeħel, fejn ikollu bżonn l-għajnuna tiegħi, jiena ħa nagħtijilu ukoll. Nirringrazzja lilkom kolla li ġejtu eletti hawn għax naf li flimkien ħa naħdmu. Nirringrazzja ukoll lil dawk li ma reġgħux ikkontestaw jew li ma telgħux għax finalment ukoll kellhom l-interess ta Hal Qormi, u ma tellgħux għax il-

poplu għażel hekk pero naf li kellhom intenzjonijiet tajbin u dawk li taw servizz qabel taw servizz lil komunita għal numru sew ta snin.

Naqbel punt ma li qalu sħabi ukoll u jien hekk dejjem imxejt almenu fejn stajt, irid ikollna l-indipendenza u l-lealtà l-ewwel lejn il-lokalita, jiġifieri, nappella, jekk ikun hemm issues ta interess lokali, jirbaħ fuq interessi oħra.

Per eżempju konna magħqudin fuq l-issue tal-Imriehel by-pass. Dan il-proġett li kien se jieħu ħafna mill-lokalita u f'zona li tagħti nifs lil lokalita; hemmhekk konna magħqudin u kien hemm issues oħrajn jiġifieri, imma il-Kunsill ra l-interess tal-lokalita u tar-residenti u ma ra ebda interess ieħor, la parrokkjali u anqas politiku, f'dak is-sens irrid ngħid indipendenza."

## 01.7 ĦIN TAS-SEDUTA

**Dr Josef Masini Vento** talab li ikun hemm qbil fil-Kunsill sabiex is-Seduta tibda ssir darba fix-xahar, fil-ġurnata tat-Tlieta, fis-6.30 ta' filgħaxija, sakemm ma jkunx hemm bżonn mod ieħor.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

## 01.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2024, fis-6.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum, ***23 ta' Lulju 2024***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |